MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-15 ta' Jannar, 2004

Numru 513/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur Maurice Curmi)**
**- vs -**
**SONIA SCICLUNA**

Il-Qorti;

Rat li l-imputata Sonia Scicluna bint Joseph Zammit u Antoinette nee' Casha mwielda fit-13 t'April 1972 u residenti Flat 7, Cherry Court, Triq Gnien Imrik, Xaghra, Ghawdex (Karta ta' l-Identita` Nru 10972G) giet imressqa quddiemha akkuzata talli;

1. B' diversi atti maghmulin minnha, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi f'diversi okkazzjonijiet mill-5 ta' Gunju 2003 lil hawn, f' Ghawdex, ma obdietx ordni moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Volontarja fil-5 ta'

Gunju 2003, fejn giet ordnata sabiex fil-hin li jkollha fil-kustodja tieghha lil uliedha minuri u wlied George Scicluna, taht l-ebda cirkustanza ma tehodhom fil-prezenza ta' terzi persuni b'mod partikulari ta' Michael Bugeja.

Semghet il-provi tal-prosekuzzjoni u cioe` lill-minuri Marcia Scicluna u lis-Social Worker Miriam Farrugia;

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputata kif registrata fis-seduta tal-15 ta' Jannar 2004;

Rat l-artikoli tal-ligi u cioe` 338 (ee) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi fuq ammissjoni tal-imputata stess il-Qorti tiddikjara li ssib lill-imputata hatja tal-akkuza u tikkundannaha ghall-hlas ta' ammenda ta' ghaxar liri Maltin (Lm10).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------